# Id-Dimensjoni Tematika fil-Poeżiji ta' Carmel Attard:
## Riflessjonijiet

Patrick Sammut

### Introduzzjoni

Is-sena 2014 fakkret l-għoxrin sena mill-mewt ta' poeta modern ewlieni: Carmel Attard. Biex ifakkar lil dan il-kittieb u poeta prolifiku imma kważi minsi, Paul P. Borg, wara snin twal ta' riċerka, organizzazzjoni u kitba ħareġ il-ktieb ... *maqful fil-ħabs ta' ġbini – Il-Poeta tat-Tbatija Carmel Attard.* F'dan il-ktieb massiv insibu ġabra ta' bejn wieħed u ieħor 250 poeżija, esklużi l-ħajku li nsibu fl-aħħar. Huma poeżiji li nkitbu fis-snin 60 (12-il poeżija), is-snin 70 (74), is-snin 80 (101) u s-snin 90 (61). Kronoloġikament, l-ewwel poeżija hi 'Ave Maria' (Mejju 1960), u l-aħħar waħda hi poeżija bla isem li tibda bil-vers "Nixtieq intik bewsa ..." (11-12 ta' Diċembru 1994), ftit qabel ma Carmel Attard ħalliena. Mela dawn il-poeżiji jkopru medda ta' aktar minn tletin sena.

### 1. It-Tema tat-Twemmin

Fil-poeżiji tiegħu Carmel Attard jittratta varjetà ta' temi. Tema li tispikka hija dik tat-twemmin. Din it-tema tibqa' kostanti f'Carmel Attard matul ħajtu kollha, minkejja, u anke f'rabta, mat-tbatija li ġarrab. L-ewwel poeżija hija ddedikata lill-Madonna, bl-isem ta' 'Ave Maria' u tieħu l-forma ta' talba u tintrabat max-

xahar ta' Mejju. Poeżiji bħal 'Qalb il-Bniedem' u 'Waqfien' huma turija li d-djalogu mal-Mulej kien spiss u fi mkejjen differenti. F' 'Jien Mhux bħall-Bqija,' kontra "l-ħażin ta' żmienna" Attard ipoġġi "l-imħabba bla tmiem" ta' Alla. F' 'Marana-ta' naqraw dwar l-għarfien tal-qawmien mill-mewt, mifhuma wkoll bħala l-waqt tal-ħaqq għall-bniedem. Kristu hawn huwa mifhum bħala dawl, eżatt wara l-mewt tal-ġisem. Attard jifhem id-differenza bejn il-liġijiet t'Alla li jfissru ħelsien lill-bniedem, u l-liġijiet tal-bnedmin li qegħdin hemm biex ixekkluh. Bla tlaqliq u b'kuraġġ kbir Attard jikteb li Kristu jagħmel il-veri qaddisin miż-żibel.

It-twemmin li jaf lilna bħala poplu sa minn żmien il-preistorja, l-influwenza li minn dejjem kellhom fuqna elementi bħax-xemx u r-riħ, is-sens imgħoddi glorjuż u preżent imniegħes, kollha joħorġu f' 'Imbagħad ir-Riħ', fejn l-istorja tal-gżejjer Maltin issir ħaġa waħda ma' dik personali tal-poeta. Poeżija-talba li tieħu l-għamla ta' salm ta' ħajr hija 'Grazzi Kbira lil Alla Tiegħi': huma versi li nkitbu fi żmien it-terremot tal-1972 u għalhekk jintrabtu ma' sitwazzjoni partikolari. F' 'Ġimgħa Kbira Oħra' naqraw dikjarazzjoni ta' min għex ħajja ta' tbatija: "... u l-Ġimgħa l-Kbira tiegħi ... / m'hemmx li tintemm." Tinħass min-naħa ta' Carmel Attard l-aċċettazzjoni ta' dan id-destin li jorbot flimkien il-poeta ma' Kristu.

Kristu jista' jkun l-"int" li Attard jiddjaloga miegħu fi 'Tlaħħamna.' L-"int" hawn faċilment jista' jkun ukoll il-"jien" imweġġa' tal-poeta nnifsu. Dan il-"jien" imweġġa' jintrabat mal-għarfien tal-marda li ħakmitu u l-għarfien li ma jistax jaħrab minnha kemm f' 'Għal Darb' Oħra' kif ukoll f' 'Marda tal-Mewt.' Fl-istess ħin il-Mulej huwa "Inti li int l-istess ċertezza" f' 'Indeċiżjoni', poeżija oħra li tieħu l-għamla ta' talba jew salm. Fil-poeżija 'Minn fuq Salibi' hemm ukoll ix-xewqa li xi darba l-poeta jerġa' jakkwista kontroll fuqu nnifsu: "Ġurnata nerġa' nikseb lura 'l moħħi / u 'l ġismi ... xi darba ... ." Din il-marda hija stat eżistenzjali li ħakem lill-poeta sa minn tfulitu, kif jikteb f' 'Bikja Mbikkma' (tal-1978): "biki li bikkimni / mindu għalaqt tmien snin."

L-indirizz lill-Mulej naqraw dwaru f' 'Int ma Tinsa lil Ħadd,' poeżija li tfakkar f'kapitlu 25 tal-Evanġelju ta' San Mattew:

L-imġewwaħ forsi jaħseb li nsejt tisimgħu.
L-għatxan forsi jaħseb li int insejt tagħtih jixrob.
L-għarwien forsi jaħseb li int insejt tlibbsu.
Min hu marid jew fil-ħabs
Forsi tilef it-tama fik.

Il-figura ta'Kristu u t-tieni miġja tiegħu fid-dinja hija ttrattata f''Inkarnazzjoni'. Carmel Attard jirreferi għal Martin Luther King, Gandhi u oħrajn li ġew u tkellmu dwar il-paċi, f'dinja fejn il-bniedem jerġa' jiċħad lil Kristu għal darb'oħra minħabba l-gwerer:

Ma nafx min se jwelldu
fis-soċjetà permissiva;
forsi flok Lhudija
din id-darba tkun
xi Palestinjana – u twelldu
ġo xi kamp fid-deżert
qalb skieken u bajjunetti.

## 2. Tiġrib il-Ħajja

Tema oħra hija dik ta' tiġrib il-ħajja, b'rabta mat-tema eżistenzjalista u dik tal-"jien." Dwar il-"jien" (li jfakkar fir-rumanz *Uno, Nessuno e Centomila* ta' Luigi Pirandello), Attard jikteb f''Xejn':

Forsi niswa elf
jew forsi niswa mija,
forsi ma niswa xejn!

L-għarfien li xi darba jew oħra jrid jaffaċċja l-mewt huwa b'saħħtu, sa mis-snin 60. Dan jesprimih fil-poeżija 'Lapida fuq Qabri' fejn il-poeta jsib faraġ fil-ħbiberija tal-ftit u huwa konxju li hu waħdu u bla familja, dik ix-xi ħaġa li minn dejjem xtaq. Il-mewt bħala motiv naqraw dwarha anke f''Tal-Wieħed u Nofs' jew 'Qabel Nagħlaq Għajnejja.'

Il-"jien" narawh f'taqbida ġewwiena waqt "lejl iswed" li matulu l-poeta jisma' biki f'rabta ma' 'mostru' li ħareġ "minn ġuf l-omm li ħadet it-Thalidomide / u wellditu bla jdejn u bla saqajn!" Attard jirrifletti tema soċjali li tintrabat mas-snin 60: jikteb dwar il-medikazzjoni li fuq naħa timmanka u tiddeforma lil min għadu ma twelidx, u fuq l-oħra li sserraħ "mit-toqla" tal-ħsibijiet. Dan is-sens ta' toqol jerġa' f''Tifsir' fejn il-poeta jikteb:

Jinfetħu t-twieqi ta' ħajjitna
fuq il-merħla tal-Umanità
tħaffef lejn il-futur inċert
minn bieb idjaq minn żgħożitna
li għaddejna għajjiena minnha.

Minkejja dan ma tonqosx it-tama ssimbolizzata mid-"dawl għammiexi." Din it-toqla ġejja mill-fatt li l-poeta jagħraf li ma jistax jifhem kollox, fosthom qalb il-bniedem f'"Qalb il-Bniedem.'

Il-versi intimi u konfessjonali jidhru wkoll f'"Meta Nitbiegħed Minnek'; mela fil-kitba hemm proċess ta' tisfija. Hawn il-poeta jindirizza lil xi ħadd fil-qrib, jew jista' qiegħed fi djalogu miegħu nnifsu. Il-versi bħala qrara u kixfa tal-"jien" jinsabu wkoll f'"Bikja Mbikkma' fejn naqraw:

Bosta drabi xtaqt nibki bikja kbira!
Bosta drabi xtaqt ngħajjat għajta tal-waħx!
Iżda l-biki u l-għajjat
baqgħu ġo qalbi u moħħi
biex iħottuhom biċċa biċċa
u jagħmlu minni persuna mbiċċra.

## 3. Il-Mewt

Il-mewt hija tema oħra rikurrenti fil-versi ta' Attard. F'"Imbagħad il-Ħajja' l-poeta jurina li hemm il-mewt fil-ħajja (taħt il-forma tad-diffikultajiet li taf toffri) u l-ħajja fil-mewt (mifhuma bħala qawmien għal ħajja aħjar). Il-mewt tintrabat ukoll ma' stat ta' tbatija li ġibnieh fuqna aħna stess, ladarba l-bniedem stess ħalaq "l-għamajjar li qerduna." Hekk jikteb f'"L-Għelejjel':

Aħna ma narawx it-tmiem tal-ħolma;
għad jirnexxilna biss noħolmu biha
iżda s-sehem tagħna hu ta' hemm u niket,
sehem il-mewt li toftomna min-natura

li għamel Alla u li għamilna aħna.
Aħna wettaqna pjan li mhuwiex tagħna
meta bnejna l-għamajjar li qerduna.

Jinħass sewwa t-ton apokalittiku f'dawn il-versi li jġorru piż kbir. L-"aħna" hawn hija l-umanità li għamlet ċerti għażliet u issa qed taħsad il-konsegwenzi xejn sbieħ. Il-mewt tintrabat mal-istaġun tal-ħarifa, imma anke ma' stat eżistenzjali partikolari f'"Nar.' Kontra dan hemm l-istaġun tar-rebbiegħa – bin-natura fl-aqwa tagħha – kif jidher f'"Mal-Wasla tar-Rebbiegħa': dan hu staġun li jġib imħabba ġdida li terġa' tagħti s-saħħa lill-poeta.

## 4. L-Istennija u s-Suwiċidju

It-tema tal-mewt tintrabat ukoll mal-istennija ta' dak li hu inevitabbli, max-xewqa li l-poeta jsir "immutabbli" u jikseb adolexxenza dejjiema f'"Adolexxenza Dejjiema'. Hawn diġà hija mħabbra t-tema tas-suwiċidju. Dan bħal jerġa' jissemma indirettament fil-poeżija 'In-Nies u Jien,' fejn wara li jesprimi t-tbatija li minnha għaddietu s-soċjetà għax poeta, jikteb "ma nafx intemmx bis-sliem irġuliti." L-istess ħsieb jerġa' jesprimih f'"Milied ta' Ruħ Mifruda,' fejn proprju f'dan il-jum il-poeta li hu nieqes mill-imħabba jħossu ddisprat u b'hekk jikteb:

bla mħabba,
ma nafx jekk niġġenninx
għax nitlef moħħi,
ma nafx jekk intemmx
ħajti ħesrem!

Kemm tesprimi wġigħ dik l-interjezzjoni finali! L-istennija tal-mewt hi b'saħħitha f'poeżiji bħal 'L-Aħħar Post' u 'Jum ix-Xemx'; hawn però l-istennija tintrabat ma' għada fejn hemm il-kwiet, is-safa, il-ferħ, il-briju u l-festa, f'kuntrast mal-preżent fejn jaħkmu l-mewt u n-nixfa. Is-suwiċidju jissemma b'ismu f'"Dan Lejl Ideali għas-Suwiċidju' tal-1980. Jista' jkun li jikteb dwaru wkoll f' 'Nistenna' fil-versi:

nistenna ... il-ftuħ tal-aħħar att
li ma jispiċċa
qatt u qatt.

Ix-xewqa għall-mewt bħala ħelsien mill-martirju (ta'tletin sena sħaħ) jesprimiha f'"Martirju': "Qarribli l-mewt, Mulejja." Jerġa' jikteb dwar dan fl-1990 fil-poeżija 'Tiġrif' fejn jara l-mewt bħala mistrieħ mill-"agunija mġebbda" u b'hekk jixtieq "mewt bikrija."

Dan is-sens tat-"tmiem riesaq lejja" ('Daħq u Bluha') huwa motiv b'saħħtu fil-versi tad-disgħinijiet. Jinħass ukoll fil-poeżija qasira 'Il-Bidu tat-Tmiem,' fejn jikteb, "meta nħoss is-sejħa eterna, / ikun wasal il-bidu tat-tmiem." F'"Nobogħdok' jinħass ċertu nervożiżmu, ċertu sens ta' urġenza u anke ċertu fataliżmu: Attard jobgħod l-għada għax diġà jħoss fih x'se jġib miegħu dan il-ġejjieni. Min jaqra l-poeżiji tal-aħħar jimmaġina bħal klessidra fejn ir-ramel qed jiżloq b'ħeffa u ż-żmien jgħaddi malajr. Jinħass li t-tmiem hu qrib. Hekk jikteb f'"Ma Fadalx Żmien':

Ma fadalx żmien
biex ninseġ libsa bajda
jew ninxteħet f'riġlejk
nitgħallem għanja ġdida.
Ma fadalx żmien.

Din il-poeżija kienet aktarx miktuba lejn tmiem l-1994.

## 5. L-Imħabba

L-imħabba hija tema oħra rikorrenti. 'Jien ma Nsejtekx' hija ddedikata lil Helen Zammit, u fiha l-imħabba tinftiehem bħala sħana: "x-xemx tal-univers, / ta' qalbi u ta' moħħi." L-imħabba hija mifhuma bħala forza li ġġedded, mela bħala ħajja mhux mewt f'"Tnissija u Mogħdrija':

kull meta nħobbu
nerġgħu nitwieldu mill-ġdid.

Din l-imħabba li bellhitna
ma tafx toqtol
iżda hija żerriegħa
ta' fjuri u ħdura
li tgħix bin-natura.

Fuq naħa oħra l-imħabba tinftiehem bħala delużjoni f'"Lil Tfajla li ma Tħobbnix.' Hija "dik l-imħabba kiesħa / f'mixja ta' dinja silġ" li jikteb dwarha f'"Jien Mhux bħall-Bqija.' Anke 'L-Innominata' hija għanja lit-"telfa tal-imħabba"; jinħassu fil-poeżija distanza affettiva u temporali li tifred lill-poeta mill-persuna li ħabb jew li ġibdet b'qawwa kbira l-attenzjoni tiegħu, filwaqt li ma jifdal xejn ħlief uġigħ u xewqa li mhix se tinqata'. Għall-inqas din l-esperjenza sservi biex il-poeta jinħakem mill-muża:

Ja tfajla sbejħa
li jien ma nafx x'jismek
kun int il-Beatrice li ssaħħarni
biex nikteb
bħalma jien qatt ktibt qabel ...

Aktar tard, fi 'Ndiema' Attard jikteb li ma jemminx b'vendetta ladarba bħala poeta huwa ħlejqa li tħobb:

jagħtini li nitlob fuqek jonfħu
l-irwiefen tas-saħta,
iżda wara fis
jisgħobbija w nindem
u noħlom aħdar mill-ġdid.

'Tfajla Insieni' tfakkar fi 'Tfajla Toħlomx' ta' Rużar Briffa (li għalih Attard jirreferi direttament) u hija wkoll dwar l-imħabba. Naqraw li l-ikbar imħabba hi dik ta' min lest li joqtol l-imħabba li hemm fih biex ma jagħmilx deni lil ħaddieħor li jħobb ladarba jaf li "tiegħi mhedda / mill-istallett u d-daqqiet kiefra tiegħu." Il-poeżija ta' Briffa b'xi mod tintrabat ukoll ma "Imħabbitna' fejn Carmel Attard jikteb lill-maħbuba:

aqsam miegħi tfajla ħelwa
dik l-imħabba li tifnik
biex imħabbti ta' poeta
tifdi 'l ħajtek u thennik.

Imbagħad fi 'Preludju' l-poeta jurina li hu konxju li f'kull relazzjoni ta' mħabba hemm "preludju ta' diqa."

Flimkien mal-imħabba hemm ukoll it-tema tal-ħbiberija. 'Ħabib Tassew' huma versi li jġagħluk tistaqsi: x'inhi l-ħbiberija vera? It-tweġiba hi dik meta tnejn jifhmu verament minn fejn joriġinaw il-biki u l-ferħ.

## 6. Il-Poetika

Il-poetika hija tema oħra li jittratta Carmel Attard li jara lill-poeta bħala dak li ġie msejjaħ biex permezz ta' vrusu "jibbalzma ħsiebu" ('Ma Nafx'), u dak li:

[i]reddnilna f'widnejna
is-seħer tal-kliem
ġo moħħna għajjien
('Leħnek Abjad Ħiemed,' iddedikata lil Patri Marjanu Vella).

F''Lil Tfajla li ma Tħobbnix' jikteb: "Kliemek m'għandux mill-qawwa ta' vrusi." F''Lill-Poeta Louis Briffa' jikteb: "Għax ħakmek seħer il-għana / għaliex bih dak moħħok stagħna." Il-poeżija tgħolli lill-bniedem 'il fuq mit-tajn u l-medjokrità. Din it-tema nerġgħu naqraw dwarha f''Idfnuni f'Miżbla' fejn Attard jagħraf li hu bniedem u poeta li ġġieled favur id-dgħajjef. Hekk f''Qabel Kollox Jien Poeta' jikteb:

jien poeta nofsu mbikkem.
Jien poeta tar-ruħ imsejkna tiegħi
u poeta tal-imġarrbin ħuti.

L-istess ħsieb naqrawh f'"L-Ingannati': "bħali tħoss u bħali tagħder / lil min tara fil-moħqrija."

Intant waqt li huwa ħaj, Attard jammetti li huma l-imħabba u l-poeżija li jagħtuh ħajja bħala żagħżugħ ('Kont Għaddej Waħdi'). L-idea li l-poeżija u l-imħabba huma żewġ aspetti li jimlew qalb il-poeta jikteb dwarha fil-poeżija bla isem datata 3/9/1975, fil-versi:

Kemm hija vojta qalbi mingħajr kitba
mingħajr seħer il-kliem li jnissel fija
xewqa li nħobb u li ninħabb dar'oħra!

Huwa hawn ukoll fejn Attard jammetti li l-ħarifa terġa' tqajjem fih "seħer il-poeżija u il-kitba," wara s-saħta li jġib miegħu s-sajf, mifhum bħala staġun "moħli" u għażżien. Lill-poeżija hawn jindirizzaha bħala:

bint l-allat
ja duwa dejjem ġdida tal-moħħ
u tal-qlub morda.

Anke hawn l-idea tal-poeżija bħala terapija. Ftit iktar 'l isfel jikteb: "O tama mqaddsa inti t-tifla / setgħana tal-poeżija." Mela poeżija u tama huma relatati. U dan f'kuntrast maż-żmien iebes li għex fih u li qed ngħixu fih, "O Era tagħna, kif marradtna b'moħħna!" Minkejja dan, Attard jerġa' jikteb:

U jien ukoll għannejt it-tama ħelwa
u qed nerġa' ngħanniha għaliex nemmen
li ser noħorġu isbaħ fit-taqtigħa.

Il-poeżija sservi wkoll biex il-poeti jfarrġu u jhennu lil xulxin bħal kif jagħmel Attard f'"Bħal David (Lil ħabibi Mario F. Bezzina).'

Il-poeżija mhix marbuta biss mal-imħabba imma anke mal-mewt. Fil-poeżija 'Tama' Attard jara fil-mewt bħala riskatt u ġustizzja favur il-poeta. Infatti jikteb hekk:

La tħabbel rasek xejn [...]
jekk leħnek
jaqa' fuq widnejn torox;
emmen biss li jum ġdid
għad iżernaq;
imbagħad it-trab ta' fdalek
jinfed 'il ruħhom.

Waħda mill-isbaħ poeżiji fil-ġabra preżenti hija 'Lil Achille l-Kbir', versi miktubin minn poeta għal poeta ieħor, Achille Mizzi, minkejja li mhux imsemmi direttament. Fiha jispikkaw ritmu partikolari u anke l-aspett udittiv permezz ta' mekkaniżmi bħall-alliterazzjonijiet u r-rimi, imma anke kliem meħud mir-reġistru lessikali għal qalb Achille Mizzi stess bħal "jixwik," "mikwija," "arpa," u oħrajn. Il-poeżija li tinstema' – permezz ta' alliterazzjonijiet u rimi differenti, rifless ta' eku li jirbombja ġewwa l-poeta – tinħass sewwa fil-poeżiji qosra miktubin fit-2 ta' Marzu 1985 (Carmel Attard kiteb disgħa minnhom f'jum wieħed), bl-isem ta' 'Xenqa,' '(Xenqiet),' 'Jum Wara Jum,' 'Tħoss,' 'Xofftejn,' u 'Qatt Aktar.' Alliterazzjonijiet u hawn isiru ħaġa waħda ma' espressjoni ta' ħsus ġewwiena.

## 7. It-Tema Soċjali

Tema oħra hija dik soċjali. L-isfond soċjali tas-snin 60 jispikka f'"Rieq ma' Wiċċek,' fejn jirreferi għall-perjodu tal-kwistjoni politikoreliġjuża u jikteb bla kantunieri dwar

rieq nieżel ħiemed ma' wiċċ Malta qadima.
rieq li jnaddafha mil-ħmieġ tal-ipokrisija
u ta' Reliġjon u ta' odju u mibegħda
ta' Reliġjon bla Kristu tassew.

L-ipokrisija bħala pjaga soċjali terġa' tissemma f''Tassew Milied bla Kewkba': hawn Attard jirrifletti dwar il-maskra li nilbsu matul il-Milied sena wara sena. Jasal biex isostni li wara d-dawl hemm id-dlam u wara dik li tidher ħbiberija hemm biss bruda.

F'Antropoċentriżmu' Attard jistaqsi jekk hux veru li l-bniedem fid-dinja hu daqshekk essenzjali. Jew forsi d-dinja tkun aħjar mingħajru? Ħsieb simili jinsab f''Satellita' fejn Attard jikteb dwar il-ġenn fid-dinja ("lanqas ir-radju ma nazzarda nixgħel / meta dan l-infern ma nifilħux aktar") u dwar l-apokalissi, mifhuma bħala evoluzzjoni jew "xitla ser twarrad [...] univers ta' fjuri." Hawn Attard jistaqsi: hemm bżonn ta'katakliżma biex il-bniedem jevolvi għall-aħjar?

Versi b'saħħithom li jesprimu għadab kbir kontra poplu li jwarrab lil min hu marid huma 'Lill-Poplu Malti.' Versi-denunċja kontra l-magna tal-poter huma 'Papri, Sriedaq, Flieles u Skrivan'; din hi poeżija li tfakkar f'*Animal Farm* ta' George Orwell.

## 8. It-Tema Ambjentali

It-tema ambjentali tinħass sew fil-poeżija 'Mellieħa' li minkejja li jikteb dwar il-bini li ġab miegħu l-progress, hija espressjoni ta' waqt ta' hena. L-ambjent naturali bħala t-tluq u l-Maltin bħala l-wasla naqraw dwarhom f''Pajjiżi' fejn Attard iqiegħed lil Malta taħt il-lenti biex joħroġ b'deskrizzjoni kirurġika ta' pajjiż u poplu maħkumin minn dikotomija:

Għoljiet
u widien
sema
u baħar
anġli
w demonji
u ċittadini
li għandhom mit-tnejn.

Apparti dan, il-poeżija ambjentali tinħass ukoll kull fejn Carmel Attard jikteb dwar l-iktar element naturali għal qalbu: il-baħar.

Huma wkoll interessanti l-poeżiji fejn Carmel Attard jorbot il-poeżija mal-mużika u juri l-apprezzament tiegħu ta' xogħol il-mużiċist. Dan narawh fi 'Pjanista' jew f''Is-Seħer tan-Nota', it-tnejn miktubin fl-1983 fil-Pegasus Bar.

Dawn huma wkoll versi li jirriflettu x-xena mużikali f'Malta f'nofs is-snin 80 meta kienu jaħkmu l-mużika *rock* u *pop*. Il-mużika terġa' tissemma f'"L-Għanja tal-Vjolin' fejn Attard iqabbel in-noti mużikali ma' friefet: "In-noti ħelwa tal-vjolin jimlew is-sala / u jpoġġu fuq widnejja bħal friefet ħfief." Hemm ukoll poeżiji fejn Carmel Attard jikteb dwar ir-rabta tal-poeżija mal-pittura, bħal 'Għajnejk Iroddu Kliem ta' Ġmiel' u 'Hena Ġdid', it-tnejn iddedikati lill-artist Lawrence Attard u miktubin fl-1 ta' Mejju 1985. Kemm il-poeżija u l-pittura jintrabtu ma' lwien, ħolm, u sens qawwi ta' osservazzjoni.

## Konklużjoni

Il-parti l-kbira tal-versi ta' Carmel Attard huma datati u b'hekk jinftiehmu wkoll bħala djarju intimu – nieqes minn kull inibizzjoni – ta' dak li l-poeta ġarrab fl-ispirtu, fil-ġisem u fil-ħsieb matul medda ta' iktar minn tletin sena. Huma dokument ħaj ta' waqtiet kemm sbieħ kif ukoll koroh, waqtiet li matulhom il-poeta drabi jħossu sodisfatt u hieni, drabi oħra jinħakem minn disperazzjoni, uġigħ, u ġieli rabja wkoll. F'dawn il-poeżiji inediti naraw lil Carmel Attard bħala l-osservatur akut, silenzjuż, li joħroġ dak kollu li jseħħ fil-ħajja ta' kuljum permezz tal-versi tiegħu. Huwa l-bniedem-poeta li jinsab bejn l-estremi, li fl-aħħar mill-aħħar jagħmlu lil kull bniedem: fuq naħa l-ġibdiet tal-ġisem u bżonnijiet li jgħaddu, u fuq l-oħra d-djalogu ma' Alla u l-għarfien li hemm il-mewt u t-tmiem tal-gost u tat-tbatija. Il-poeżiji li nsibu f' ... *maqful fil-ħabs ta' ġbini* ... ifakkru wkoll li filwaqt li spiss Carmel Attard esprima mhux biss it-tbatijiet tiegħu imma fuq kollox it-tbatijiet ta' umanità sħiħa, spiss inħass ukoll dak li kien jistqarr anke fil-proża: is-sens li bħala poeta u għalhekk bħala bniedem sensittiv, huwa mhux wieħed minn dawk ta' madwaru u lanqas bħalhom. Fuq kollox il-poeżiji inediti li hemm miġburin fl-aħħar parti ta' ... *maqful fil-ħabs ta' ġbini* ... ta' Paul P. Borg ikomplu jsaħħu d-definizzjoni ta' dan il-poeta minsi li fl-2014 għalaq 20 sena nieqes.

**Il-Biblijografija**

Borg, Paul P. ... *maqful fil-ħabs ta' ġbini ... It-Poeta tat-Tbatija Carmel Attard*. Malta: Horizons, 2014. Stampat.

Briffa, Rużar. "Tfajla Toħlomx." *Rużar Briffa: Il-Poeżiji Miġbura*. Ed. Oliver Friggieri. Malta: Klabb Kotba Maltin, 1983. 28. Stampat.

Orwell, George. *Animal Farm*. London: Everyman's Library, 1993. Stampat.

Pirandello, Luigi. *Uno, Nessumo e centomila*. 4th ed. Milan: Garzanti, 2002. Stampat.

*It-Testment il-Ġdid*. Trad. Pietru P. Saydon. Malta: SDC, 1989. Stampat.